**23 ta' Mejju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Pio Gauci

*versus*

Joseph Cutajar

## Appalt – Inadempjenza – Terminazzjoni

*Ir-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti ma tippermettix it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt minħabba inadempjenza, iżda tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħti żmien raġonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora. F'materja kummerċjali, din ir-regola hija varjata fis-sens li l-Qorti ma għandhiex din id-diskrezzjoni iżda għandha tħoll il-kuntratt. F'kull każ, iżda, hija l-Qorti li tippronunzja x-xoljimnet tal-kuntratt.*

*Eċċezzjonalment, fl-appalti hemm regola speċjali li tawtorizza lill-appaltant li jħoll il-kuntratt unilateralment u meta jrid.*

*Meta l-appaltant iħoll il-kuntratt mingħajr raġuni valida għandu jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż u x-xogħol tiegħu kif ukoll somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi, iżda mhux aktar mill-qligħ li seta' jagħmel l-appaltatur minn dak l-appalt.*

*Meta l-appaltant iħoll il-kuntratt għal raġuni oġġettivament valida, ġustifikata mill-ħtija ta' l-appaltatur, l-appaltant iħallas biss il-valur nett ta' materjal u xogħol li huwa utli għalih.*

L-Att ta' ċitazzjoni jaqra hekk:

"Peress illi l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex jesegwixxi xogħlijiet ta' *aluminium* fil-fond *Marphil*, Triq Notabile, Imrieħel, u

"Peress illi l-konvenut ma esegwiex dan l-inkarigu fi żmien raġonevoli, u in oltre x-xogħol li fil-fatt huwa għamel sar ħażin *u mhux skond is-sengħa*, u,

"Pererss illi l-attur ħallas lill-konvenut akkonti li jammontaw għal (Lm1,100) elf u mitt lira sabiex dan jesegwixxi x-xogħol, u,

"Peress illi minħabba x-xogħol ħażin u d-disinteress tal-konvenut l-attur ittermina l-kuntratt ta' appalt mogħti minnu lill-konvenut;

"Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(1) Tiddikjara okkorrendo li l-appalt mogħti lill-konvenut ġie tterminat kif intqal fuq u għar-raġunijiet imsemmija;

(2) Tiddikjara li x-xogħol esegwit mill-konvenut sar ħażin u mhux skond is-sengħa;

(3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' elf u mitt lira (Lm1,100) lill-attur kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mill-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut li jibqa' nġunt għas-subizzjoni tiegħu";

Il-konvenut eċċepixxa illi x-xogħol li għamel sar skond is-sengħa u l-arti u li ma kien hemm ebda żmien stipulat għat-terminazzjoni u għalhekk dak li sar, sar fi żmien raġonevoli;

Huwa mbagħad – wara r-rapport tal-Perit Tekniku nnominat biex jagħmel il-prova teknika rigward il-kwalità ta' xogħol esegwit mill-istess konvenut – ippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri li però huma aktar sottomissjonijiet milli eċċezzjonijiet fis-sens li huma elaborazzjoni ta' l-opposizzjoni tiegħu għat-talbiet ta' l-attur. Fi kwalunkwe każ, naturalment, dawn se jiġu kkonsiderati aktar 'l isfel f'din is-sentenza;

Ġie nnominat Perit Tekniku li għamel żewġ rapporti u ġie ampjament interrogat mill-avukati tal-partijiet. Dawn għamlu wkoll noti ta' osservazzjonijiet kif ukoll sottomissjonijiet orali, u a bażi ta' dan kollu l-Qorti hija fil-posizzjoni li tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

A. M'hemm ebda dubbju li bejn il-partijiet kien sar ftehim ta' appalt, jiġifieri dak il-kuntratt li bih wieħed iqabbad lill-ieħor għall-esekuzzjoni ta' xi xogħol, kif definit fl-artikolu 1633 Kap. 16;

B. La dan huwa hekk, il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak li hemm fin-nota responsiva ta' l-attur, illi l-attur meta – kif hemm fiċ-ċitazzjoni tiegħu:

"Ittermina l-kuntratt ta' appalt mogħti minnu lill-konvenut";

Huwa ma kienx qed jaġixxi kif jikkonċedilu l-artikolu 1640 Kap. 16, u dan għar-raġuni sempliċi li l-attur effettivament

ittermina l-kuntratt li kellu mal-konvenut proprju għaliex huwa appalt, għaliex altrimenti r-regola ġenerali li tirregola l-kuntratti hija proprju dik li jikkwota l-istess attur fin-nota tiegħu – jiġifieri l-artikolu 1068 Kap. 16, li mhux talli ma jippermettix it-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt minħabba inadempjenza, talli jagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħti żmien raġonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora li jkun waqa' fiha. Fil-kamp kummerċjali mbagħad fejn l-ispeditezza tan-negozji ma tippermettix dewmien, din l-istess regola hija varjata fis-sens li l-Qorti m'għandhiex din id-diskrezzjoni u hija obbligata tħoll il-kuntratt. Imma hawn qiegħed il-punt. Hija dejjem il-Qorti li trid tippronunzja x-xoljiment ta' kuntratt, sakemm dan ma xxoljihx il-liġi stess *ipso jure*. Eċċezzjonalment, fl-appalti, timpera regola speċjali, li tawtorizza lill-appaltant li jittermina l-kuntratt, unilateralment, u, kif jgħid l-istess artikolu 1640 Kap. 16, **meta jrid.** U dan huwa l-aktar mod effikaċi li l-liġi ħasbet biex ma tostakolax l-esekuzzjoni ta' xogħlijiet bl-intralċji ta' l-azzjonijiet ġudizzjarji li jkunu jridu jistabbilixxu jekk kuntratt ġiex itterminat jew le qabel ma jitkompla x-xogħol jew mill-appaltatur oriġinali jew minn ħaddieħor. Il-liġi tassumi li l-appaltant għandu l-interess li jkollu x-xogħol li ordna u għalhekk tassumi li huwa se jissorveljah, u jekk, għal xi raġuni jew oħra, ma jkunx sodisfatt, tagħtih il-fakoltà eċċezzjonali li jwaqqaf lill-appaltatur u li jqabbad lil ħaddieħor. L-istess jiġri fil-kuntratti li jinkorru bejn avukat u klijent, fejn il-fiduċja reċiproka hija konsiderazzjoni ħafna aktar importanti mill-preċiżazzjoni ta' l-osservanza preċiża tal-kuntratt kif sindakata mill-Qrati;

Għalhekk, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax illi **qabel** ma bdiet il-kawża, l-attur – appaltant – kien diġà ttermina l-appalt li huwa kien ta lill-konvenut – appaltatur – u li għalhekk ir-relazzjoni ta' bejniethom hija rregolata mil-liġi bl-artikoli speċjali

mill-1633 sa l-1643 tal-Kap. 16, u l-Qorti ma tistax ma tapplikahomx jekk huma applikabbli, u speċjalment, meta jiġu invokati direttament;

Ċ. L-ewwel talba ta' l-attur, għalhekk, kollegata mat-tieni waħda, titlob il-Qorti li tikkonferma l-operat ta' l-attur fis-sens illi meta huwa ttermina l-appalt li kien ta ill-konvenut, l-istess terminazzjoni kienet oġġettivament ġustifikata u mhux sempliċement soġġettiva kif il-liġi tippermetti;

D. L-artikolu 1640 Kap. 16 jiddisponi illi meta l-appaltant jħoll il-kuntratt, l-appaltant għandu jħallas lill-appaltatur;

(a) l-ispejjeż u x-xogħol kollu tiegħu, ta' l-appaltatur;

(b) somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi, iżda mhux aktar mill-qligħ li seta' jagħmel l-appaltatur minn dak l-appalt;

Il-Qorti tintendi dan l-artikolu fis-sens illi l-ammont dovut lill-appaltatur irid jiġi stabbilit mill-Qorti skond it-tip ta' disdetta ta' l-appalt – mis-sempliċi motivazzjoni soġġettiva – li timporta l-ammont massimu possibbli – għar-raġuni oġġettiva pjenament ġustifikata mill-ħtija ta' l-appaltatur;

E. fil-każ preżenti, il-konvenut – appaltatur – a bażi tar-rilevanzi tal-Perit Tekniku, ħaqqu l-anqas ammont possibbli u ċjoè l-valur nett ta' materjal u xogħol li huwa utli għall-appaltant u dan skond ix-xiehda tal-Perit Tekniku tat-8 ta' Marzu 1989 jammonta għal sitt mija u erbgħin lira (lm640) bil-konsegwenza illi mill-elf u mitt lira (Lm1,100) li diġà tħallas il-konvenut, huwa għandu jirrifondi erba' mija u sittin lira

(Lm460);

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li takkolji l-ewwel u t-tieni domanda ta' l-attur u taddotta d-dikjarazzjonijiet mitluba, tikkundanna lill-konvenut li jirrifondi lill-attur is-somma ta' erba' mija u sittin lira (Lm460) u l-interessi mill-14 ta' April, 1988;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu sopportati kwantu għal terz mill-attur u żewġ terzi lill-konvenut.